**237. Il-Prim Ministru, l-Onor. Eddie Fenech Adami ppropona:-**

Illi din il-Kamra

1. Tesprimi s-sodisfazzjon tagħha

   (a) għall-fatt li x-xogħol fuq il-vapur USS La Salle, li kien intrebaħ f'kompetizzjoni ma' tarznari oħra, issa tlesta b'apprezzament sħiħ tal-klijent kemm għall-kwalita' tax-xogħol li sar kif ukoll għall-mod kif twettaq ix-xogħol fiż-żmien miftiehem;

   (b) għall-fatt li dan il-kuntratt ħalla dħul sostanzjali għat-tarzna kif ukoll dħul sostanzjali ieħor għall-kummerċ fil-pajjiż;

2. Tfakkar li l-kontroversja li qamet fil-bidu dwar jekk il-kuntratt tax-xogħol kellux jiġi aċċettat setgħet wasslet biex id-dħul imsemmi għat-Tarzna u għall-pajjiż jintilef;

3. Tqis li fiċ-ċirkostanzi internazzjonali tal-lum xogħol simili ma jmurx kontra l-prinċipju ta' newtralita' kif imniżżel fil-Kostituzzjoni ta' Malta;

4. Tifraħ u tirringrazzja liċ-*Chairman*, Diretturi, *Management* u ħaddiema tat-Tarzna għall-mod kif twettaq ix-xogħol; u

5. Taqbel li ċ-*Chairman* u l-Bord tad-Diretturi tat-Tarzna għandhom jinnegozjaw kuntratti simili li jkunu ta' fejda għall-ħaddiema tat-Tarzna, għall-istess Tarzna u għall-pajjiż;

28.06.2001